**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Gunju, 2001

**Numru 10**

**Avviz. numru 1708/00JR**

**Citadel Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Agius ghan-nom ta' Compass Car Hire Ltd, sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Dolores Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-16 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm167.00), rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tat-2 ta' Lujlu 1998 fil-Mellieha li fih kienet involuta l-karozza numru BBH 219 misjuqa mill-konvenuta u l-karozza numru LDK 573 misjuqa minn Carol Travers u**

**proprjeta' tal-assikurat Victor Agius, meta hija saqet b'lura u habtet mal-karozza tal-assikurat, li kienet wieqfa, u liema ncident sehh b'tort unikament taghha minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenuta.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta ippresentata fis-7 ta' Dicembru 2000 fejn eccepiet:**

**Illi l-incident tat-traffiku li gara fit-2 ta' Lulju 1998 gewwa l-Mellieha bejn il-vetturi numru BBH 219 u LDK 573 gara unikament tort ta' Carol Travers u mhux tal-eccipjenti, u ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni.**

**Salve eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Agius ,Dolores Abela, Mark Axiaq, Alex Abela u Natalino Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Jibda biex jigi rilevat li s-sewwieq, Carol Travers tal-vettura LDK 573 illum jinsab imsiefer u ghal dan il-ghan giet presentata dikjarazzjoni bil-miktub Dok A2 li ghamel l-istess sewwieq li lilu kienet inkriet il-karozza msemmija minn Victor Agius ghan-nom ta' Compass Car Hire Limited surrogat tas-socjeta' attrici assikurattrici. Basikament minn din id-dikjarazzjoni jirrizulta illi l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura BBH 219 rriversjat b'velocita' ghal gol-vettura ta' l-assikurat. Jirrizulta li Travers paqpaq il-horn pero' ghal ta' xejn. Jirrizulta li wara l-konvenuta laqtet lill-assikurat saqet 'l quddiem u waqfet xi hamsin jarda 'l boghod. Ghandu jigi rilevat ukoll li l-atturi kienu ghadhom kemm hargu mill-parking fit-triq li tinsab biswit il-bajja ta' Mellieha.**

2. **Da parti taghha l-konvenuta qalet li harset lura biex tirriversja imma ma rat xejn sa meta ndunat bil-vettura tal-assikurat meta din kienet xi distanza ta' karozza 'l boghod minnha. L-konvenuta tghid li hi waqfet u li kien l-assikurat li habat fiha. Il-konvenuta tghid li hi ma kellhiex hsara u lanqas ma rat hsara fuq il-vettura ta' l-assikurat. Il-konvenuta tghid li ma semghetx il-horn u kellha t-tieqa miftuha. Meta giet murija r-ritratti tal-karozza l-istess xhud qalet li ma tahsibx li dik kienet il-karozza li tkellmet fuqha.**

3. **Alex Abela jghid li l-karozza ta' l-assikurat kienet bajda, jikkonferma li kellha l-indicator imkisser u xi barxa fuq il-bumper, pero' ma kienx hemm hsara fuq ix-xibka.**

4. **Mill-provi mismugha jirrizulta illi l-konvenuta saqet ghal xi distanza ta' mill-inqas erba' karozzi qabel ma habtet fil-karozza tal-assikurat. It-Tribunal iqis bhala probabbli illi l-konvenuta kienet qieghdha taghmel manuvra bil-ghagla sabiex tidhol go *parking space* li kien vojt. Is-sewwieq ta' l-assikurat rinfaccat b'din l-emergenza ghamel dak li setgha fic-cirkostanzi, u pprova jissenjalha l-presenza tieghu hemmhekk. B'dana kollu l-konvenuta lahqet laqtitu bil-konsegwenza li l-vettura ta' l-assikurat garrbet danni.**

5. **Id-danni huma dawk li jirrizultaw mis-survey skond ma xehed Mark Axiaq u s-*surveyor* Natalino Agius. Id-danni b'kollox jammontaw ghal mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm167.00).**

**Ghaldaqstant peress illi l-incident gara tort tal-konvenuta t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm167.00) in linea ta' danni bl-imghax legali mit-23 ta' Gunju 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju 2000 u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta skond il-ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**